L-2876 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (IMPJIEGI, POLITIKA SOĊJALI, SAĦĦA U AFFARIJJIET TAL-KONSUMATUR), li saret fil-Lussemburgu fid-9 u l-10 ta' Ġunju 2008 2008/439/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2008 li temenda d-Deċiżjoni 2004/162/KE dwar l-octroi de mer fid-Dipartimenti Barranin Franċiżi L-2877 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (TRASPORT, TELEKOMUNIKAZZJONI u ENERĠIJA), li saret fil-Lussemburgu fit-12 u t-13 ta' Ġunju 2008 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 569/2008 tat- 12 ta' Ġunju 2008 li jemenda r-Regolament Nru 11 dwar l-abolizzjoni tad-diskriminazzjoni fir-rati u l-kondizzjonijiet tat-trasport, fl-implimentazzjoni tal-Artikolu 79(3) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea Direttiva tal-Kunsill 2008/59/KE tat-12 ta' Ġunju 2008 li tadatta d-Direttiva 2006/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija	8988/08 7653/08 9129/08	Maġġoranza kwalifikata Maġġoranza kwalifikata Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur L-Istati Membri kollha favur L-Istati Membri kollha favur

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI ĠUNJU 2008			
TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
L-2878 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI u RELAZZJONIJIET ESTERNI), li saret fil-Lussemburgu fis-16 ta' Ġunju 2008			
Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 556/2008 tas-16 ta' Ġunju 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2505/96 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi awtonomi tal-Komunità għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali	9399/08 + REV 1 (lt)	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 595/2008 tas-16 ta' Ġunju 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1255/96 li jissospendi b'mod temporanju d-dazji awtonomi tat-Tariffi Doganali Komuni fuq ċerti prodotti industrijali, agrikoli u tas-sajd	9400/08 + COR 1 (fr) + COR 2 (cz) + REV 2 (en)	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Adozzjoni ta' atti leġislattivi wara t-tieni qari tal-Parlament Ewropew taħt il-proċedura ta' kodeċiżjoni (Strasburgu, 16 sad-19 ta' Ġunju 2008)			
Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi (Test b'relevanza ŻEE)	PE-CONS 3656/08	(Mhux applikabbli)	(Mhux applikabbli)

L-2881 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA u SAJD), li saret fil-Lussemburgu fit-23 u l-24 ta' Ġunju 2008 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 tat-23 ta' Ġunju 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u li jistabbilixxi programmi ta' ristrutturazzjoni nazzjonali għas-settur tal-qoton	10232/08 + COR 1	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief astensjoni: UK
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea Il-Kummissjoni tiddikjara li għalkemm kwantità minima ta' qoton prodotta kull ettaru mhix kriterju ta' eliġibbiltà għall-pagament speċifiku għall-kultivazzjoni għall-qoton, Stat Membru jista' jagħmel użu minn rendimenti minimi bħala fatturi indikattivi fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 29 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 sabiex jidentifika bdiewa li potenzjalment "ħolqu artifiċjalment il-kondizzjonijiet meħtieġa biex jinkisbu tali pagamenti bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ kontra l-oġettivi ta' dik l-iskema ta' appoġġ Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Spanjola Spanja tilqa' l-adozzjoni tar-regolament il-ġdid dwar il-qoton li jipprovdi qafas stabbli għall-produzzjoni tal-qoton fl-Unjoni Ewropea. Spanja tikkunsidra li l-programmi nazzjonali ta' ristrutturar previsti f'dan ir-regolament il-ġdid huma partikolarment utli għall-mitigazzjoni tad-diffikultajiet li xi operatori ekonomiċi tal-qoton esperjenzaw partikolarment fis-settur tal-ħalġ. F'dan il-kuntest, Spanja ser tipprijoritizza l-inklużjoni fl-imsemmijin programmi nazzjonali ta' ristrutturar ta' miżuri mmirati lejn il-faċilitazzjoni tal-adattament ta' ħalġ għas-sitwazzjoni l-ġdida, partikolarment permezz tal-provvediment ta' assistenza finanzjarja għall-immodernizzar ta' faċilitajiet u finanzjament għat-tneħħija.			

Dikjarazzjoni mid-Delegazzjoni tar-Renju Unit

Ir-Renju Unit jiddispjaċih li ma jistax jappoġġa t-test ta' Kompromess tal-Preidenza dwar il-qoton. Aħna ninnotaw li s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea (QĠE) annullat il-pakkett ta' riforma tal-2004 dwar il-qoton għal raġunijiet proċedurali aktar milli għas-sustanza ta' dak il-ftehim. Ir-Renju Unit jiddispjaċih li f'dan in-negozjar is-sustanza tar-reġim tal-qoton inbidlet, u effettivament dan jiftaħ mill-ġdid id-deċiżjoni tal-Kunsill tal-2004.

Ir-Renju Unit jopponi partikolarment iż-żieda fir-rata tal-pagament għall-assistenza għal kull ettaru għal dawk li jkabbru l-qoton, li hija kompletament kontra x-xejra tar-riformi tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) mill-2003. Ir-Renju Unit jemmen li dizakkopjar sħiħ jipprovdi bażi aħjar li tippermetti lill-bdiewa jieħdu deċiżjonijiet għalihom infushom dwar kif huma jaħdmu l-art tagħhom.

Barra minn hekk, ir-Renju Unit jiddispjaċih għaż-żieda fl-assistenza għal kull ettaru f'dan l-istadju sensittiv fit-taħditiet tad-WTO DDA fejn il-liberalizzazzjoni tal-appoġġ għall-qoton fid-dinja żviluppata, inkluża l-UE, jista' jkollha rwol kruċjali biex jintlaħaq qbil.

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 615/2008 tat-23 ta' Ġunju 2008 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1405/2006 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura għall-benefiċċju tal-gżejjer minuri tal-Eġew u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa	9225/08 + COR 1	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/617/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar it-titjib tal-koperazzjoni bejn l-unitajiet ta' intervent speċjali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea f'sitwazzjonijiet ta' kriżi	7350/08	Unanimità	L-Istati Membri kollha favur
Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-koperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali	10216/08 + COR 1 (pt) + COR 2 (fr) + REV 1 (sk) + REV 2 (pl)	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar it-titjib tal-koperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali	11896/07 + COR 1 + COR 2 + COR 3 (ro) + REV 1 (pl)	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Dikjarazzjoni mill-Kunsill B'konsiderazzjoni tal-Artikolu 36, din id-Deċiżjoni tal-Kunsill ma timpedixx lill-Istati Membri l-iskambju mhux awtomatizzat tad-data msemmija fl-Artikolu 14 u l-Artikolu 16 taħt ftehimiet jew arranġamenti bbażati fuq bażijiet jew prattiki legali oħrajn.			
Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 li tikkonċerna aċċess għall-konsultazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) minn awtoritajiet maħtura ta' Stati Membri u mill-Europol għall-finijiet tal-prevenzjoni, tal-kxif u tal-investigazzjoni ta' reati terroristiċi u ta' reati kriminali serji oħra	11077/1/07 REV 1	Unanimità	L-Istati Membri kollha favur
Dikjarazzjoni mill-Kunsill rigward id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' data personali pproċessata fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali Il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza tal-eżistenza ta' sett ta' regoli komprensivi u koerenti fil-livell tal-Unjoni Ewropea rigward il-livell għoli ta' protezzjoni ta' data personali pproċessata fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali, bħala parti minn sett ta' strumenti regolatorji dejjem jikbru tal-Unjoni dwar tali kooperazzjoni. Dawn ir-regoli ser jikkostitwixxu żvilupp importanti tal-prinċipji minimi għall-protezzjoni tad-data stabbiliti mill-Konvenzjoni tat-28 ta' Jannar 1981 għall-protezzjoni ta' individwi rigward ipproċessar awtomatiku ta' data personali, u fir-Rakkomandazzjoni (87)15 li tirregola l-użu ta' data personali fis-settur tal-pulizija, it-tnejn adottati fil-qafas tal-Kunsill tal-Ewropa. Għalhekk, il-Kunsill ikompli jagħti prijorità lill-eżami tal-proposta għal Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tad-data personali pproċessata fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali, u bi ħsiebu jilħaq qbil politiku dwar il-proposta malajr kemm jista' jkun u l-aktar tard sal-aħħar tal-2007.			

Dikjarazzjoni mill-Kunsill rigward id-dritt ta' aċċess għall-VIS mir-Renju Unit u l-Irlanda fid-Deċiżjoni tal-Kunsill

Il-Kunsill jirrikonoxxi li s-sigurtà kondiviża tal-Istati Membri ser tissaħħaħ bl-aċċess reċiproku tar-Renju Unit u tal-Irlanda għas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża u jenfasizza l-importanza tal-aċċess tar-Renju Unit u tal-Irlanda għal finijiet ta' infurzar tal-liġi għas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża. Għalhekk il-Kunsill ser iżomm il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda taħt reviżjoni, inkluż fir-rigward ta' ġurisprudenza rilevanti u fid-dawl tal-eżitu tad-Deċiżjonijiet tal-Qorti ser jadotta tali dispożizzjonijiet li jistgħu jkunu meħtieġa jew adatti biex jippermettu lir-Renju Unit u l-Irlanda li jkollhom aċċess għas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża fuq l-istess livell tal-Istati Membri l-oħrajn.

Dikjarazzjoni Konġunta mir-Renju Unit u l-Irlanda

Ir-Renju Unit u l-Irlanda jilqgħu d-Dikjarazzjoni mill-Kunsill rigward aċċess għall-VIS.

It-Renju Unit u l-Irlanda jikkunsidraw li huma intitolati li jipparteċipaw fl-adozzjoni u l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-VIS. Huma ma jaċċettawx partikolarment li l-miżura tista' tiġi kklassifikata proprjament bħala miżura mibnija fuq l-acqius ta' Schengen. Anke jekk tista' tiġi klassifikata b'dan il-mod, ir-Renju Unit u l-Irlanda jikkunsidraw li l-bażi legali mhijiex waħda li hija mibnija fuq il-qasam tal-acquis ta' Schengen li jkopri viżi għal żjarat qosra jew li tali klassifikazzjoni tiġġustifika l-esklużjoni tagħhom mill-miżura.

It-Renju Unit u l-Irlanda għandhom għalhekk ikunu garantiti aċċess sħiħ u dirett għas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża.

2008/580/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Ġunju 2008 li tagħti garanzija komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra t-telf minn self għal proġetti barra l-Komunità (il-pajjiżi ġirien tax-Xlokk, il-pajjiżi Mediterranji, l-Amerika Latina u l-Asja u r-Repubblika tal-Afrika ta' Isfel) (Verżjoni kodifikata)	8715/08 + COR 1 (lt) + COR 2 (mt) + COR 3 (nl) + COR 5 (sk) + COR 6 (sl) + COR 7 (sv) + COR 8 (ro) + COR 9 (bg) + REV 1 (pt)	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
--	---	---------------------------	---------------------------------

2008/492/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Konvenzjoni tat-23 ta' Lulju 1990 dwar l-eliminazzjoni tat-taxxa doppja in konnessjoni mal-aġġustament tal-qliġ ta' intrapriżi assoċjati

10060/08
+ REV 1 (sv)

Dikjarazzjonijiet unilaterali dwar il-Konvenzjoni tat-23 ta' Lulju 1990 dwar l-eliminazzjoni tat-tassazzjoni doppja in konnessjoni mal-aġġustament tal-profitti ta' intrapriżi assoċjati

Dikjarazzjonijiet Unilaterali dwar l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni dwar l-eliminazzjoni tat-tassazzjoni doppja in konnessjoni mal-aġġustament tal-profitti ta' intrapriżi assoċjati:

L-Italja, il-Litwanja u Malta

jiddikjaraw li huma ser japplikaw l-Artikolu 7(3).

Dikjarazzjonijiet Unilaterali dwar l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni dwar l-eliminazzjoni tat-tassazzjoni doppja in konnessjoni mal-aġġustament tal-profitti ta' intrapriżi assoċjati:

Dikjarazzjoni mill-Bulgarija:

It-terminu 'pieni serji' ifisser pieni ta' kull tip, imposti għal azzjonijiet li jikkostitwixxu ksur amministrattiv jew tal-liġi tat-taxxa, inkluż ksur tal-liġi proċedurali li tikkonċerna l-istima tat-taxxa u l-ġbir tat-taxxa, kif ukoll għal reati kontra s-sistema tat-taxxa. „Pieni serji” imposti fuq l-intrapriża huma wkoll meqjusa li jeżistu meta l-pieni huma imposti fuq individwu għal reati mwettqa kontra s-sistema tat-taxxa minn dik l-intrapriża li l-azzjonijiet tagħha jkunu influwenzaw l-ammont tar-responsabbiltà tat-taxxa tal-intrapriża jew il-ġbir ta' din.

Dikjarazzjoni mir-Rumanija

It-terminu "piena serja" jinkludi t-twertiq ta' kwalunkwe att kriminali previst mil-liġi dwar l-evaljazzjoni tat-taxxa jew il-liġi dwar il-kontabilità jew il-liġi tal-kumpanniji jew il-leġislazzjoni tat-taxxa. Huwa jinkludi wkoll pieni amministrattivi fir-rigward ta':

- ir-rifjut li jiġu ppreżentati r-rendikonti tat-taxxa (id-dikjarazzjonijiet) jew ir-rendikonti informattivi fuq talba tal-korpi tat-taxxa;
- ir-rifjut li jiġu pprovvduti d-dokumenti u r-rekords mitluba mill-awtoritajiet tal-inspezzjoni tat-taxxa,
- in-nuqqas ta' preżentazzjoni tad-dokumenti finanzjarji perijodiċi u r-rapporti tal-kontabilità jew, il-preżentazzjoni ta' tali dokumenti jew rapporti li jinkludu data inkorretta,
- azzjonijiet inklużi fir-rekord tat-taxxa, skond il-leġislazzjoni fis-seħħ.

Dikjarazzjoni mir-Repubblika Slovakkja:

It-terminu "piena serja" jfisser piena imposta skond il-Kodiċi Kriminali għal reati kriminali kommessi fir-rigward tal-ksur tal-liġijiet tat-taxxa pertinenti, l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa jew l-Att dwar il-Kontabilità.

Dikjarazzjoni mir-Renju ta' Spanja:

"Pieni serji" għandhom jinkludu pieni amministrattivi għal ksur serju u serju ħafna tal-liġi tat-taxxa, kif ukoll sentenzi għal reati li jaffettwaw il-finanzi pubbliċi.

2008/493/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Ġunju 2008 li temenda l-Anness I għall-Att tal-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija

10061/08
+ REV 1 (sv)

Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Infurmazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS)

PE-CONS 3630/4/07
REV 4

Maġġoranza
kwalifikata

L-Istati Membri kollha
favur

Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni dwar l-Artikolu 26 dwar it-tmexxija tal-operat

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistiednu lill-Kummissjoni sabiex, wara evalwazzjoni tal-impatt li ttipprovdi analiżi sostanzjali ta' alternattivi mill-perspettiva finanzjarja, operattiva u organizzattiva, tippreżenta l-proposti leġiżlattivi meħtieġa li jinkarigaw aġenzija bit-tmexxija tal-operat fit-tul tal-VIS. L-evalwazzjoni tal-impatt tista' tagħmel parti minn evalwazzjoni tal-impatt li impenjat ruħha li tagħmel il-Kummissjoni rigward is-SIS II. Il-Kummissjoni timpenja ruħha li tippreżenta, fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-proposti leġiżlattivi neċessarji sabiex tinkariga aġenzija bit-tmexxija tal-operat fit-tul tal-VIS. Tali proposti għandhom jinkludu il-modifiki meħtieġa biex jiġi adottat ir-Regolament rigward il-VIS u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri f'viżi ta' żjarat qosra.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jimpenjaw ruħhom li jqisu dawn il-proposti mill-aktar fis possibbli u jadottawhom fil-ħin sabiex jippermettu lill-aġenzija tibda l-attivitajiet kollha tagħha qabel it-tmiem ta' ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill rigward l-użu ħażin tal-viżi u tal-istediniet

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jenfasizzaw il-ħtieġa li l-fenomeni tal-użu ħażin tal-viża jiġi miġġieled b'mod komprensiv u jemmnu li t-trattament tal-każi tal-użu ħażin li joħroġ jew isir magħruf wara li tiskadi l-validità ta' viża għandu jkun ikkunsidrat bir-reqqa fil-kuntest ta' proposta għall-Kodiċi dwar il-Viża. Wara ftehma dwar il-Kodiċi tal-Viża, jistiednu lill-Kummissjoni biex tippromovi, jekk meħtieġ, emendi xierqa għar-Regolament tal-VIS.

Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistiednu lill-Kummissjoni biex tagħmel rapport mhux aktar tard minn tliet snin wara l-bidu tal-ħidmiet tal-VIS dwar is-sitwazzjoni fir-rigward tal-użu ħażin minn persuni li joħorġu stedinet, u biex tippreżenta, jekk meħtieġ, proposti xierqa għall-emendi.

Dikjarazzjoni mill-Kunsill rigward il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li qegħdin fil-pajjiż b'mod illegali

Il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza li d-Direttiva tar-Ritorn tkun adottata mingħajr dewmien ħalli tikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' politika effettiva ta' tneħħija u ripatrijazzjoni bbażata fuq standards komuni biex il-persuni jkun rritornati b'mod uman u bir-rispett kollu lejn id-drittijiet tal-bniedem u d-dinjità tagħhom, kif meħtieġ mill-Programm tal-Aja. Sabiex din il-leġiżlazzjoni Ewropea tkun infurzata, iridu jkun disponibbli riżorsi xierqa. Għalhekk il-Kunsill jimpenja ruħu sabiex jagħmel progress fil-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li qegħdin fil-pajjiż b'mod illegali u sabiex jinbdew diskussjonijiet istituzzjonali mal-Parlament Ewropew mill-aktar fis bil-għan li jintlaħaq ftehim fl-ewwel qari sal-aħħar tal-2007.

Dikjarazzjoni mill-Kunsill

Il-Kunsill jieħu nota tal-intenzjoni tar-Repubblika ta' Ċipru li tipparteċipa fis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viżi (VIS) qabel ma jitneħħew il-kontrolli fil-fruntieri tagħha mal-Istati Membri ta' Schengen l-oħra u li għalhekk, skond l-Artikolu 3(2) tal-Att ta' Adeżjoni, il-Kunsill ser jiġi mistieden biex jieħu żewġ deċiżjonijiet u biex jistabbilixxi żewġ dati, l-ewwel waħda għall-implimentazzjoni tal-politika komuni dwar il-viżi minn Ċipru inkluża l-VIS u partijiet oħra rilevanti tal-acquis ta' Schengen, it-tieni waħda għat-tneħħija tal-kontrolli mal-fruntieri fir-rigward tal-ivvjaġġar bejn ir-Repubblika ta' Ċipru u l-Istati Membri li jimplimentaw bis-sħiħ l-acquis ta' Schengen.

"Il-Kunsill jiddikjara li deċiżjoni antiċipata, wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, dwar l-implimentazzjoni tal-politika komuni dwar il-viżi hi kkondizzjonata minn:

- dikjarazzjoni ta' tlestija mir-Repubblika ta' Ċipru li timplimenta bis-sħiħ il-politika komuni dwar il-viżi inklużi l-VIS u partijiet oħra rilevanti tal-acquis ta' Schengen, b'mod partikolari l-integrazzjoni tagħha fis-SIS II (bħala verifika kontra l-lista ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li m'humiex ammissibbli);
- verifika skond il-proċeduri ta' evalwazzjoni ta' Schengen li l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dawn il-partijiet tal-acquis ġew sodisfatti mir-Repubblika ta' Ċipru".

Dikjarazzjoni mir-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika tal-Polonja dwar l-artikolu 18

Ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tal-Polonja jikkonfermaw li huma lesti li jimplimentaw b'mod sħiħ ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Sistema tal-Infomazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal żjarat qosra. Peress li huma punti ta' dħul fl-Unjoni Ewropea li jintużaw spiss, is-Slovenja u l-Polonja huma konxji mir-responsabbiltà tagħhom li jwettqu kontrolli fil-fruntieri fl-interess tal-Istati Membri kollha u jixtiequ jiġbdu l-attenzjoni għall-konsegwenzi li jistgħu jirriżultaw mill-implimentazzjoni rigoruża tal-Artikolu 18 tar-Regolament.

L-Artikolu 18 jiddefinixxi l-verifika sistematika tat-tikketti tal-viża u l-marki tas-swaba' tal-visa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huwa meħtieġ li jkollhom viża meta jidħlu fiż-żona tax-Schengen. Madankollu, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tal-Polonja jixtiequ jiġbdu l-attenzjoni għall-problemi tekniċi li jistgħu jinqalgħu fl-apparat mobbli li jaqra l-marki tas-swaba' meta l-marki tas-swaba' jiġu mqabbla mal-marki tas-swaba' tad-database ċentrali u l-problemi li jinqalgħu meta l-marki tas-swaba' ma jaqblux, minkejja li l-identità tal-persuna tkun korretta. Għal dawn ir-raġunijiet din it-tip ta' verifika fil-fruntieri probabbilment ser tirriżulta f'disturbi serji għat-traffiku internazzjonali fil-punti ta' qsim tal-fruntieri. Barra minn hekk, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tal-Polonja jixtiequ jissottolinjaw il-fatt li dan l-Artikolu ma jipprevedi l-ebda eżenzjoni, anke f'każijiet fejn huwa ċar li ċerti passiġġieri huma ġenwini, bħall-membri ta' delegazzjonijiet uffiċjali, l-atleti, il-ħaddiema kulturali u xjentifiċi u l-membri tal-familji li jkunu jivvjaġġaw magħhom u li l-possibbiltà ta' abbuż ta' viża huwa eskluż.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tal-Polonja appoġġaw l-idea mqajma fil-Kunsill li wara verifika obbligatorja man-numru tat-tikketta tal-viża, uffiċjali tal-pulizija tal-fruntiera jkollhom dritt diskrezzjonali biex jiddeċiedu liema kriterji addizzjonali għandhom jintużaw sabiex tiġi stabbilita l-identità ta' persuna matul proċedura ta' kontroll fil-fruntiera.

Regolament (KE) Nru 762/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-preżentazzjoni mill-Istati Membri tal-istatistika dwar l-akkwakultura u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 788/96 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)	PE-CONS 3606/4/08 REV 4	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief astensjoni: DE
Regolament (KE) Nru 766/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97 dwar għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri u l-koperazzjoni bejn dawn tal-aħħar u l-Kummissjoni biex jiġi assigurat l-applikar korrett tal-liġi dwar materji doganali u agrikoli	PE-CONS 3616/2/08 REV 2	Qualified majority	L-Istati Membri kollha favur, ħlief astensjoni: IE
Dikjarazzjoni mill-Kunsill u l-Kummissjoni Mingħajr preġudizzju għal-leġislazzjoni Komunitarja rilevanti, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkooperaw biex ikun żgurat li s-sistemi Komunitarji kollha ta' skambju u d-databases Komunitarji kollha li jappoġġaw l-analiżi tar-riskju u l-proċeduri ta' kontroll fil-qasam tal-leġislazzjoni doganali jkunu mħaddma b'mod komplementari u, jekk ikun il-każ, b'mod interoperabbli ma' daww koperti minn dan ir-Regolament. Dikjarazzjoni mill-Irlanda L-Irlanda tappoġġa l-oġettiv ġenerali tar-Regolament 515/97 u ser tkompli tikkontribwixxi għall-arranġamenti ta' skambju ta' informazzjoni fl-interess li jiġi indirizzat ksur tar-regoli doganali u tal-agrikoltura. Madankollu, l-Irlanda tqis li l-Artikoli 135 u 280 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea mhux il-bażi adatta għal miżura li fiha dispożizzjonijiet dwar materji fiskali. L-Irlanda kienet b'mod konsistenti tal-fehma li, bħala kwistjoni ta' prinċipju, materji fiskali għandhom jiġu indirizzati fuq il-bażi ta' unanimità fil-Kunsill.			

Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni tar-Renju Unit

Ir-Renju Unit jappoġġa l-miri u l-oġġettivi tal-proposta tar-Regolament 515/97 u ser ikompli jinvolvi ruħu b'mod attiv mal-Istati Membri l-oħra biex ikunu promossi kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni aktar b'saħħithom fil-qasam tad-dwana u l-agrikoltura.

Madankollu, ir-Renju Unit ivvota kontra l-proposta fuq il-bażi li l-Artikoli 135 u 280 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (TKE) mhumie x il-bażi legali adatta għal miżura li fiha dispożizzjonijiet dwar materji fiskali. Ir-Renju Unit ikompli jemmen li, fejn il-leġislazzjoni tinkludi dispożizzjonijiet dwar materji fiskali, għandha tintuża bażi legali speċifika tat-taxxa, li tkun tirrikjedi unanimità fil-Kunsill, jew waħedha jew, fejn ikun il-każ, b'mod konġunt ma' Artikoli oħra tat-Trattat.

Ir-Renju Unit iqis li l-awtoritajiet tat-taxxa ma għandhomx jikkondividu l-informazzjoni meħtieġa skond l-Artikolu 2a(f) mal-awtoritajiet doganali ta' Stati Membri oħra *ħlief* jekk dawn ma jkunux ukoll 'dipartimenti ta' kollegament' jew 'uffiċjali kompetenti' skond ir-Regolamenti 1798/03 jew 2073/04 li jirregolaw il-kooperazzjoni amministrattiva għat-taxxa fuq il-valur miżjud u d-dazji tas-sisa.

Regolament (KE) 763/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar iċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tad-djar (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

PE-CONS 3612/3/08
REV 3

Maġġoranza
kwalifikata

L-Istati Membri kollha
favur

Dikjarazzjoni mill-Awstrija

Skond l-Artikolu 2(c) tal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tad-djar, "residenza normali" tfisser il-post fejn persuna (i) għexet kontinwament għal dawn l-aħħar 12-il xahar qabel id-data ta' referenza jew (ii) marret toqgħod f'dawn l-aħħar 12-il xahar qabel id-data ta' referenza, bil-ħsieb li tibqa' hemm mill-inqas għal 12-il xahar. Madankollu, fejn (i) il-perjodu ta' 12-il xahar ta' residenza jew (ii) il-ħsieb li tgħix hemm għal 12-il xahar ma jistax jiġi stabbilit, il-post legali jew irreġistrat ta' residenza jgħodd ukoll bħala l-post normali ta' residenza.

L-Awstrija tinterpreta din id-dispożizzjoni bħala li tfisser li, fejn l-Istat Membru m'għandu l-ebda informazzjoni dwar kwalunkwe ħsieb li toqgħod hemm mill-inqas 12-il xahar, ir-residenza legali jew irreġistrata għandha titqies bħala r-residenza normali.

Regolament (KE) Nru 764/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi l-proċeduri relatati mal-applikazzjoni ta' ċerti regoli tekniċi nazzjonali għal prodotti legalment kummerċjalizzati fi Stat Membru ieħor u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 3052/95/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)	PE-CONS 3613/2/08 REV 2	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief astensjoni: IT
Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Taljana L-Italja, li astjeniet waqt il-vot fir-rigward tar-Regolament imsemmi hawn fuq, tqis li l-preżenza fit-test adottat ta' referenza għal proċeduri amministrattivi nazzjonali ta' awtorizzazzjoni minn qabel, imsemmija kemm fil-preambolu (fil-premessa 11 u 12) kif ukoll, b'mod indirett, fil-parti operattiva (fil-Artikolu 2(2), bl-espressjoni "kull dispożizzjoni minbarra ..."), tista' tikkostitwixxi deroga de facto mill-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonossiment reċiproku fis-setturi mhux armonizzati u, b'mod partikolari, f'dak tal-metalli prezzjużi. Tali sistema derogatorja tkun tinvolvi nuqqas ta' sigurtà ġuridika f'dak li jikkonċerna l-applikazzjoni, timmultiplika għal darbtejn il-piżijiet imposti fuq l-operaturi ekonomiċi, u toħloq ir-riskju li jiżdiedu l-kawżi fil-qorti bejn persuni privati.			
Regolament (KE) 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)	PE-CONS 3614/4/08 REV 4	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief kontra: AT

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea dwar l-evalwazzjoni bejn il-pari (dwar l-artikolu 7(1)(c))

Il-Kummissjoni hija impenjata li tiżgura t-tħaddim tajjeb tal-evalwazzjoni bejn il-pari ta' Korpi ta' Akkreditazzjoni nazzjonali f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kooperazzjoni Ewropea għall-Akkreditazzjoni (EA) prevista f'dan ir-Regolament sabiex tkun verifikata l-konformità kontinwa mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament u mal-istandard internazzjonali għall-korpi ta' akkreditazzjoni (ISO/IEC 17011).

Konxja li r-rispett tal-ħtiġiet għal evalwazzjoni bejn il-pari b'suċċess kif imniżżel fir-regoli attwali tal-EA jista' jiddiskrimina l-korpi ta' akkreditazzjoni nazzjonali ta' Stati Membri żgħar li għadhom

mhux firmatarji tal-Ftehim multilaterali ta' Kooperazzjoni Ewropea għall-Akkreditazzjoni Multilaterali (EA MLA), il-Kummissjoni, wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, ser timpenja ruħha fil-livell ta' EA, ILAC u IAF li teżamina mill-ġdid ir-regoli eżistenti sabiex tiftaħ il-proċess ta' evalwazzjoni bejn il-pari għall-Korpi ta' Akkreditazzjoni nazzjonali kollha rikonoxxuti fl-oqsma tekniċi kollha, indipendentement mid-daqs tagħhom. B'mod partikolari ser tipprova tikseb li l-kondizzjonijiet bażiċi ta' aċċess għall-evalwazzjoni bejn il-pari fir-rigward tal-kriterji dwar il-ħtieġa ta' numru fiss ta' akkreditazzjonijiet li għandhom jitwettqu qabel l-evalwazzjoni bejn il-pari jkunu modifikati biex ikunu inqas restrittivi.

Jekk ma tinstabx soluzzjoni adatta fil-livell internazzjonali, il-Kummissjoni timpenja ruħha li ssib soluzzjoni aċċettabbli mal-EA fil-livell Ewropew, għall-applikazzjoni non diskriminatorja ta' dan ir-Regolament.

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea dwar il-lingwa użata għall-identifikazzjoni tal-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq nazzjonali (dwar l-artikoli 27-29)

Il-Kummissjoni tqis li l-Artikoli 27-29 ta' dan ir-Regolament jaqdu l-konfigurazzjonijiet differenti kollha tad-distribuzzjoni tar-responsabbiltajiet fl-Istati Membri bejn l-awtoritajiet nazzjonali differenti responsabbli għas-sorveljanza tas-suq u dawk responsabbli għall-kontroll tal-prodotti li jkun deħlin fl-Unjoni. Dawn ma jżommux lill-Istati Membri milli jkollhom awtorità nazzjonali unika għaż-żewġ attivitajiet. Madankollu, sa fejn issir referenza għad-deċiżjonijiet dwar ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera tal-merkanzija, din ir-responsabbiltà hija speċifika għall-awtoritajiet doganali.

Dikjarazzjoni Konġunta minn Ċipru, il-Lussemburgu u Malta dwar l-evalwazzjoni bejn il-pari (dwar l-artikolu 7(1)(c))

Ċipru, il-Lussemburgu u Malta jappoġġaw id-Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea dwar l-evalwazzjoni bejn il-pari.

Dikjarazzjoni mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

1) Prinċipju

Il-Gvern Federali jilqa' u jappoġġa b'mod ġenerali l-ħsieb intiż tal-Presidenza ppreżentat f'dan id-dokument, bil-ġħan li jwassal għal qbil mal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari. Madankollu huwa jissottolinja li, fil-fehma tiegħu r-regoli emendati rigward l-akkreditazzjoni fil-qasam tal-prodotti mediċinali jissodisfaw b'mod ristrett il-ħtiġiet minimi tas-saħħa pubblika.

Huwa jfakkar li parti kbira mill-prodotti mediċinali tiġi applikata direttament fil- jew għall-ġisem uman u għaldaqstant fil-prinċipju tista' ġġib magħha riskji simili, kif dawn jistgħu jirriżultaw mill-mediċini. Barra minn hekk, fil-qasam tal-prodotti kkombinati, eżempju prodotti mediċinali b'komponenti bijoloġiċi, id-distinzjoni bejn dawn il-prodotti u l-prodotti mediċinali ssir aktar mhux ċara.

Tintuża sistema ta' akkreditazzjoni stretta u uffiċjali fil-mediċinali għar-rikonoxximent tal-kwalità u s-sigurtà meħtieġa. Minn naħa l-oħra t-tibdil intenzjonat tar-regoli 'New Approach' fil-futur jista' jippermetti, li d-deċiżjonijiet attwali rilevanti għas-saħħa fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti mediċinali jistgħu jittieħdu minn awtoritajiet mhux governattivi.

Skond il-Gvern Federali dan jista' joħloq problemi mill-perspettiva tas-saħħa pubblika. Huwa jgħaqqad l-approvazzjoni tiegħu għad-Dokument mat-talba lill-Kummissjoni biex tevalwa l-ħtieġa ta' trattament speċjali fil-qafas ta' awtoritajiet governattivi, fir-rigward ta' prodotti mediċinali partikolarment sensibbli mill-aspett ta' riskju. Fil-fehma tiegħu l-Gvernijiet tal-Istati Membri jibqgħu madankollu responsabbli għas-saħħa pubblika u din ir-responsabbiltà ma tistax tingħata lill-awtoritajiet mhux governattivi.

2) dwar l-Artikolu 1:

Il-kamp ta' applikazzjoni ma jestendix għal regoli fil-qasam ta' akkreditazzjoni/eżami ta' konformità, safejn jikkonċerna materji tas-sigurtà pubblika jew tal-Istat.

3) dwar l-Artikolu 13:

Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament rigward is-sorveljanza tas-suq tal-prodotti huma applikabbli, sakemm jiġu applikati d-dispożizzjonijiet Ewropej ta' armonizzazzjoni għal dawn il-prodotti. Sakemm ikunu armonizzati l-karatteristiċi jew il-ħtiġiet ta' prodotti stabbiliti fil-livell Ewropew, ir-regoli ta' dawn id-dispożizzjonijiet dwar is-sorveljanza ma japplikawx fir-rigward ta' karatteristiċi oħrajn ta' dawn il-prodotti, li jistgħu jkomplu jiġu rregolati mill-Istati Membri.

Il-miżuri tal-Istati Membri abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali, li għandhom x'jaqsmu mal-karatteristiċi u l-ħtiġiet ta' prodott, li mhumie x soġġetti għad-dispożizzjonijiet Ewropej ta' armonizzazzjoni, ma jiġux affettwati mir-regoli ta' din id-dispożizzjoni dwar is-sorveljanza tas-suq.

Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u li tħassar id-Deċiżjoni 93/465/KEE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)	PE-CONS 3615/4/08 REV 4	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea dwar l-attivitajiet tal-awtoritajiet notifikanti (dwar l-ANNEX I artikolu R15 paragrafu 4) Il-Kummissjoni tqis li, fil-każ fejn l-awtorità notifikanti ta' Stat Membru tkun tinsab fi struttura li twettaq varjetà ta' attivitajiet relatati taħt din id-Deċiżjoni, l-Istat Membru huwa taħt obbligu li jiżgura li l-istrutturi interni ta' dik l-awtorità jkunu organizzati b'tali mod li jkunu evitati konflitti ta' interess u li jiżgura li l-awtorità notifikanti tkun ħielsa minn kompetizzjoni mal-organizzazzjonijiet li hi tinnotifika u li tibqa' indipendenti u newtrali.			
Deċiżjoni Nru 743/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-parteċipazzjoni tal-Komunità fi programm ta' riċerka u żvilupp mibdi minn diversi Stati Membri li għandu l-għan li jappoġġa lill-imprezzi żgħira u ta' daqs medju li jwettqu attivitajiet ta' riċerka u żvilupp.	PE-CONS 3623/1/08 REV 1	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Deċiżjoni Nru 742/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-parteċipazzjoni tal-Komunità fi programm ta' riċerka u żvilupp mibdi minn diversi Stati Membri li għandu l-għan li jtejjeb il-kwalità tal-ħajja ta' persuni mdaħħlin fiż-żmien permezz tal-użu ta' Teknoloġiji tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni Ġodda	PE-CONS 3618/1/08 REV 1	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Deċiżjoni Nru 626/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2008 dwar l-għażla u l-awtorizzazzjoni ta' sistemi li jipprovdu servizzi mobbli permezz tas-satellita (MSS)	PE-CONS 3637/1/08 REV 1	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief astensjoni: BU, SE kontra: PT

Dikjarazzjoni Bilaterali mill-Bulgarija u l-Isvezja

L-użu tal-ispektrum prezzjuż tal-medda 2 GHz għandu jimmira li jipprovdi Servizzi Mobbli permezz tas-Satellita lil kemm jista' jkun ċittadini tal-UE u li jkopri kemm jista' jkun partijiet kbar tat-territorji tal-Istati Membri. F'kuntrast mas-sistemi fuq l-art, sistemi mobbli tas-satellita jistgħu jipprovdu servizzi broadband ukoll f'żoni rurali u remoti b'mod kost-effiċjenti u b'hekk jiżdiedu l-għoti u d-disponibbiltà ta' servizzi pan-Ewropej u konnettività minn tarf sa ieħor.

F'dan l-isfond kriterju ta' ammissjoni baxx daqs 60 fil-mija ta' kopertura ġeografika tal-UE ma jistax jitqies li jiżgura servizzi pan-Ewropej li jikkontribwixxu b'mod suffiċjenti biex jingħalaq id-distakk diġitali li għadu jeżisti f'partijiet tal-Unjoni Ewropea. Id-deċiżjoni attwali lanqas biss tiggarrantixxi li inizjalment l-Istati Membri kollha jkollhom aċċess għal dawn is-servizzi. Għaldaqstant il-Bulgarija u l-Isvezja ser jastjenu milli jivvutaw.

Dikjarazzjoni mill-Portugall

In-natura pan-Ewropea tas-servizzi permezz tas-satellita u l-ħtieġa li tiġi żgurata kopertura universali tat-territorji tas-27 Stat Membru, li b'hekk jitnaqqas id-distakk diġitali u ttejjeb l-aċċessibbiltà u l-kwalità tagħhom, kienet il-bażi biex tiġi segwita proċedura ta' għażla u awtorizzazzjoni ta' servizzi permezz tas-satellita fil-livell komunitarju.

Meta qabel dwar proċess komuni ta' għażla Ewropew, il-Portugall stenna li l-kondizzjonijiet għal ammissjoni ta' fornituri ta' MSS ikunu mill-inqas ugwali, jekk mhux imtejba, meta mqabbla ma' proċedura ta' għażla nazzjonali possibbli.

Il-Kummissjoni Ewropea invokat estensivament il-prinċipji msemija hawn fuq fil-premessa tal-proposta tagħha, u argumentat ukoll dwar il-benefiċċji li l-MSS ser iġibu lil żoni rurali u remoti, sabiex jitnaqqas id-distakk diġitali.

Il-Parlament Ewropew ikkondivida dawn l-oġettivi fir-Riżoluzzjoni tagħhom 2006/2212 u f'uħud mill-emendi proposti.

Madankollu, il-proposta maqbula tad-Deċiżjoni tonqos milli twettaq daww l-oġettivi, filwaqt li tippermetti li partijiet estensivi tat-territorji tal-Unjoni Ewropea ma jkunux koperti mis-sistemi permezz tas-satellita, u b'hekk teskludi miljuni ta' ċittadini Ewropej mill-possibbiltà li jibbenefikaw mis-Servizzi Mobbli permezz tas-Satellita. Dan jikkostitwixxi żvantaġġ serju u jonqos milli jirrispetta b'mod ċar il-prinċipji ta' trattament ugwali u ugwaljanza għall-aċċess liċ-ċittadini kollha tagħna ddikjarati fit-Trattat.

Għaldaqstant il-Portugall ma jistax jaqbel mal-proposta maqbula bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew u ser jivvota kontriha.

